**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 14 – L-Erbgħa 19 ta' Frar 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fl-15.30hrs.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Dr Marc Sant | Minority Leader |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Kunsillier |

1. **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa **SEDUTA NRU 13 – L-Ġimgħa 17 ta' Jannar 2014** fuq proposta tal-Viċi Sindku Magda MagriNaudi u sekondata minn Ms Lorraine Farrugia Kunsillier, dawn ġew approvati unanimament.

2. **ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

**2.1** Dr Marc Sant li Dr Maria Attard bgħatet email lilu fejn tagħtu xi nformazzjoni. Hu għamel forward ta' l-email lis-Segretarja u lis-Sindku pero jidher li din l-email qatt ma waslet.

**2.2** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat li z-zibel għadu ma ngabarx u anke l-bozzoz għadhom ma twaħħlux. Is-Segretarja nfurmat li ser tagħmel stħarrig għaliex dan għadu ma ngabarx u ser tara ukoll kif l-bozzoz ġodda għadhom ma twaħlux. Dan iz- zibel jinsab Triq Klerku Gakbu Abela faccata ta' Borgu Farmhouse.

**2.3** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat li l-Kunsill għandu jikkuntatja lil sid ir-Razett min fejn ser taddi l- karozza tal-Linja biex isir xogħol ta' tiswija fil-ħajt, minħabba li dan waqa.

3. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU W KUNSILLIERI**

**3.1** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat li l-Istage ta Naxxar Road qalawlu l-gnub. L-kunsill għandu jagħmel pressjoni biex jergħu jitwaħħlu lura.

**3.2** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia saqsiet ukoll fuq il- way forward u kemm fadlilha Triq id-dejqa biex issir. Il-Kunsillier giet nfurmata li l-uffiċċju qed jistennew lid-drainage section biex isir cctv checking. Kif ukoll li waqt l-process l- ebda karozza ma' tkun tista tidhol go din triq.

**3.3** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia semmiet li d-dwal tal-pjazza għandu jitkompla. Nfurmat li għandha tingħata go ahead lil Gorg Saliba biex jwaħħalhom. Il-Kunsill approva.

**3.4** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia semmiet ukoll l-attivitajiet ta' l-Easter għat-tfal.

**3.5** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia semmiet ukoll biex kif appena tender ikun komplut nimlew l-ħofor ta' Triq Klerku Gakbu Abela għax l-istat tagħhom huwa dizastruz. Ġiet infurmata li l-ħofor ser jimtlew bil konkos.

3.6 Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia semmiet is-sigra ta' l- għeneb fi Triq preziozi alley 2 fejn din trid tinqata għax qeda ta' detrement kemm għar-residenza li hemm magħha għax qed tibqa tiela fuq bejt u sod katusi kif ukoll qeda tagħtti tieqa u tagħmel ħsara lill-wires ta' dawl li daret ukoll magħhom.

3.7 Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia semmiet il-bollards ta' quddiem Sala tal-Mirakli biex jitħaffru l-toqob u kif ukoll jitwaħħlu wara removable bollards.

3.8 Il-Kunsilliera Stephanie Cutajar nfurmat li qed tiddiskuti mas-Segretarja Ezekuttiva biex issir applikazzjoni għal Progett taż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ ta' Hal-Lija. Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.9 Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi nfurmat li xtaqet tagħmel il-ħarga bħal kull sena għal wirja tal-Vari tal-Gimgħa l-Kbira.

3.10 Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi preżentat rapport dwar il-biegħ li sar fil-festa taċ-ċitru.

3.11 Il-Minority Leader Marc Sant xtaq nformazzjoni dwar il-poles ta' ħdejn il-ground tal-football

3.12 Il-Minority Leader Marc Sant staqsa dwar il-website u s-Segretarja nfurmat li d-designer talab laqgħa il-gimgħa ta' wara.

3.13 Il-Minority Leader Marc Sant nforma li attenda laqgħa mas Segretarja tal-Kunsill mal-Ministru Joe Mizzi dwar it-trasport pubbliku.

3.14 Il-Minority Leader Marc Sant nforma li għandu jsir tindif tal-ħajt ta' l-iskola Triq Mario Agius minħabba li hemm rapporti li hemm il-grieden.

3.15 Il-Minority Leader Marc Sant nforma li għandha tinkiteb ittra lis-sidien tas-siti tal-bini biex jittela ħajt ta' 9 filati.

3.16 Il-minority leader Marc Sant ipprezenta kopja tal-informazzjoni li kien ghaddielu l-Kunsill ta' Hal Balzan meta attenda laqgha flimkien ma' Lorraine Farrugia u Magda Magri Naudi dwar l-izvilupp propost gewwa l-Moulin d'Or.

3.17 Il-minority leader Marc Sant semma li l-Perit kien tah stima ta' €33 800 biex issir Triq Giovanni Barbara. Hu qal li kien qieghed jistenna stima minghand il-Perit dwar Triq Fernand Gregh.

3.18 Il-minority leader Marc Sant saqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lit-Transport Malta sabiex isir wicc gidd gewwa Triq Giuseppi Cali.

3.19 Il-minority leader Marc Sant saqsa jekk il-Kunsill kienx identifika s-sidien tal-ghalqa gewwa Triq tal-Mirakli.

**3.20** Il-minority leader Marc Sant osserva li kien hemm diversi culverts mizdudin u li kien hemm bzonn li dawn jitnafdu sabiex jittaffa ftit mill-problema tal-gharghar fir-rahal.

**3.21** Il-Minority Leader Marc Sant nforma li xtaq li jigu organizzati xi ħargiet

**3.21.1** Mellieħa – Shelters

**3.21.2** MFA stadium – bagdercarting

**3.21.3** Għawdex bħas-sena l-oħra – Mejju.

## 4. KORRISPONDENZA

**4.1** Is-Sur Charlie Camilleri jixtieq li jsir bollard quddiem il-bieb tad-dar li tinsab f'Ramiro Barbaro, Ħal Lija, peress li waqt il-ħinijiet ta' l-iskola l-ġenituri qed jipparkjaw il-karozzi tagħhom fuq il-bankina baxxa li hemm quddiem id-dar mingħajr ma jħallu aċċess biżżejjed biex oħtu tkun tista' tidħol fid-dar tagħha bil-wheelchair. Il-Kunsill ma qabilx pero nforma li għandu jsir refreshing tal-linji sofor għax jidher li marru.

**4.2** Il-Contracts Manager, Denis Incorvaja, flimkien mal-ġardinar, Joe Gatt, ħarġu bi proposta biex jittella *fence* bic-*chicken wire* quddiem parti mir-residenza tal-Housing Estate (n-naħa ta' Naxxar Road) peress li qed jintrema ħafna skart. Kif jitella dan il-*fence*, is-Sur Gatt tagħlab lill-ELC sabiex jiprovudlna ftit pjanti sbieħ. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

**4.3** Applikazzjoni ghal kompetizzjoni annwali gdid bi premju mis-Segretarjat Parlamentari ghad-Drittijiet ta' Persuni B'Dizabilita' u Anzjanita'. Il-Kunsill qabel li għandha ssir applikazzjoni.

**4.4** Il-Kunsill rċieva korrispondenza mis-Segretarjat ta' Jose Herrera biex isir communal disabled parking bay fi Triq tal-mirakli. Il-kunsill qabel dwar dan.

**4.5** Ġiet preżentata l-applikazzjoni li saret mill-Moulin D'OR. Din ser issir dar tax-xjuħ.

## 5. AMMINISTRAZZJONI

**5.1** Is-Segretarja nfurmat li l-accountant kienet gabet il-financial statemetns biex dawn jigu approvati.

**5.2** L-Accountant nfurmat li l-kunsill qed jonfoq ħafna flus f'attivitajiet. Nfurmat ukoll li kull organizzazjoni m' għandiex tingħata aktar min €100.00.

**5.3** Is-Segretarja nfurmat li wara li dahret ftit ir-raħal bil-mixi jidher li hem bzonn tindif urgenti tal-water culverts. Nfurmat li ser toħrog sejħa għall-offerti. IL-Kunsill qabel dwar dan.

**5.4** Is-segretarja preżentat l-għażla tal-bins u benches lil kunsill biex jagħzlu x'se jitwaħħal fil-ġnien. Il-Kunsill qabel dwar l-għażla.

**5.5** Is-Segretarja preżentat rapport dettaljat ta' ispejjes tal-festa taċ-ċitru.

**5.6** Is-Segretarja nfurmat dwar il-problema li hem dwar il-Measure 125. Preżentat l-istimi tal-Perit. Il-Kunsill għażel li jagħmel Option 1.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' PAGAMENTI

**6.1** Is-Segretarja ressqet lista ta' pagmenti għax-xahar mal-minuti ta' Jannar 2014.

## TMIEM

Fil- 17.30.00hrs intemmet is-Seduta biex isiru l-interviews għas-segretarju ezekuttiv gdid u b'mod unanimu aġġornat għal nhar il-Erbgħa 12 ta' Marzu 2014 fl-16.00hrs.

_________________________

Dr Ian Castaldi Paris
Sindku

_________________________

Ms Gabriella Agius
Agent Segretarju